**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 425 / 2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Antoine Cilia)**

**vs**

**Aaron Mifsud**

Illum 8 ta' Frar 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Aaron Mifsud detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 42690 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Talli fit-12 ta' Dicembru, 2020, ghall-habta ta' 23.20hrs fi Triq Kordin, Paola:

1. Saq vettura nru JGV 559 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita' ghat-Trasport f' Malta biex tintuza fit-Triq (licenzja tal-vettura mhux imgedda);
2. Saq vettura nru JGV 559 minghajr ma kienet koperta b' polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-16 ta' Novembru, 2021, fejn il-Qorti sabet lill-esponenti Aaron Mifsud hati tal-akkuza Nru 1 (Kap 65, Art 15 (1) (a) u Nru 2 (Kap 104, Art 3 (1), dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghall-piena ta' elfejn tlett mija u hamsin Ewro (€2,350.00) multa, pagabbli f' 36 pagamenti mensili ugwali (Kap

9 Art.14 (2)),skwalifikatu milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' tnax-il xahar u 8 ijiem (Kap. 65 Art. 15(2) (3), Art 15 H (2)) (Kap. 104 Art 36 B (1), Skeda 6).

Rat ir-rikors tal-appellanti Aaron Mifsud minnhu pprezentat fit-19 ta' Novembru, 2021, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fis-16 ta' Novembru, 2021, fil-proceduri fl-ismijiet fuq premessi limitatament fejn jirrigwarda s-sospensjoni tal-licenzja tal-esponent, u tirrevokaha ghall-kollox, jew jekk ikun il-kaz, tnaqqasha ghall-minimu provdut fl-Art 15 tal-Kap 65 ossija ghall-perijodu ta' tmien (8) tijiem.

Rat illi l-esponent hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u ghalhekk qed jinterponi l-appell odjern. Illi l-aggravju tal-appellant huwa car u manifest u jikkonsisti f' dan illi gej:-

1. Illi l-ewwel u qabel kollox l-esponenti jiddikjara illi huwa qieghed jappella biss mill-piena tas-sospensjoni tal-licenjza tas-sewqan tieghu;

2. Illi l-multa ser tithallas mid-ditta li timpjegah filwaqt li huwa lest li jaccetta l-punti imposti fuqu bhala canfira talli naqas milli jara li dik il-vettura li gie imqabbad biex isuq kienet koperta b' polza tal-assigurazzjoni kif ukoll licenzja valida;

3. Illi l-esponenti, li huwa mizzewweg bit-tfal zghar u li qatt ma kellu kazijiet ohra bhal dawn u li ghandu kondotta nadifa u netta, hass ruhu aggravat talli m' inghatax l-opportunita' li jiddefendi l-pozizzjoni tieghu, ghalkemm giet irregistrata ammissjoni f' ismu;

4. Illi tant ma inghatax smiegh xieraq, illi l-avukat li deher sabiex irregistra ammissjoni (fuq struzzjonijiet tal-imghallem tal-esponenti) wara li l-Qorti

taghat is-sentenza taghha, qallu li kien ikun inutli illi jappella u ghalhekk lanqas iffirma s-sospensjoni. Kien biss wara li l-esponenti kien hareg mill-Qorti u kellem lill-avukat sottofirmat illi reggha dahal fl-awla sabiex jiffirma ssospensjoni ghall-appell;

5. Illi tenut kont tac-cirkostanzi u l-fatt illi Sec. 15 (1) (a) (3) tal-Kap 65 timponi minimu ta' tmien t' ijiem sospensjoni f' kazijiet simili, l-esponenti jhoss illi l-Qorti kienet eccessiva b' mod inkoncepibbli fil-konfront tieghu u li ghalhekk is-sospensjoni timmerita li tithassar jew minflok tinghata sospensjoni minima li sservi ta' canfira izda li tirrifletti c-cirkostanzi genwini tal-kaz;

6. Illi dan mhux kaz ta' *ignorantia juris non excusat* izda kaz genwin fejn l-esponent accetta li jaghmel vjagg kaxxi tal-pizza, minn stabbiliment wiehed ghal stabbiliment iehor li kien gie sprovvist, fil-11 ta' bil-lejl nhar ta' Sibt, fil-perjodu tal-festi tal-Milied, b' vettura li l-esponenti qatt ma kien saq u li ma kienx jaf li kellha licenzja skaduta u polaz mhux imgedda. Huwa ghamel dan biss sabiex jghin lill-imghallem tieghu f' dik is-sitwazzjoni kaotika;

7. Illi dana kollu jinghad fid-dawl tal-Art. 2A tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi:

> *Kull min jinstab hati ta' reat taht dan l-artikolu ghandu (**hlief jekk il-qorti ghal ragunijiet specjali tikkunsidra li tordna mod iehor** u minghajr pregudizzju ghas-setgha tal-qorti li tordna zmien itwal ta' skwalifika) jigi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb licenza tas-sewqan ghal zmien ta' tnax-il xahar mid-data li jkun gie misjub hati (empfasi tal-esponenti);*

8. Illi ghalhekk hija l-umli fehma tal-esponenti illi tenut kont tac-cirkostanzi, u partikolarment jekk dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell jogghoba takkorda li tisma' lix-xhud Charles Mangion u / jew il-proprjetarji tal-istabbilimenti ta' Haz-Zabbar u l-Hamrun tal-franchise Amigo' s ossija Robert u Katya konjugu

Cameron kif ukoll li jsir il-kontroezami ta' PC 535, li tinhafer is-sospensjoni kif jipprovdi l-Artikolu 2A tal-Kap 104 jew titnaqqas ghall-minimu impost mill-Art. 15 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2022.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan l-appell hu limitat ghar-rigward tal-piena inflitta mill-ewwel Qorti wara li l-istess appellant kien irregistra ammissjoni nhar is-16 ta' Novembru 2022 fil-presenza tal-avukat difensur tieghu Dr. Simon Galea Testaferrata.[1] Dak in-nhar l-ewwel Qorti tat zmien lill-appellant biex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u l-appellant rega tenna l-ammissjoni ta' htija ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi ghalhekk dan l-appell huwa limitat ghal piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravami singolari illi dik il-piena kif kominata mhix wahda idonea ghac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz.

L-appellant jikritika l-piena erogata mill-ewwel Qorti ghaliex fil-fehma tieghu kienet wahda eccessiva u sporporzjonata fic-cirkostanzi. Dak li din il-Qorti issa trid tezamina hu jekk l-ewwel Qorti setghetx tikkomina dik il-piena sabiex tkun certa li tali piena kienet fil-parametri tal-ligi u li ma kien hemm xejn x'jiddemostra li fil-fatt kellha tkun anqas minn dik kominata. Altrimenti ma jkunx hemm lok li tkun disturbata id-diskrezzjoni afdata f'idejn l-ewwel Qorti.

Issa jinghad l-ewwel nett illi fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrijentra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min

[1] Fol. 4 tal-process

jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabbilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha[2].
Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kienitx eccessiva jew le. M'huwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. Ammissjoni bikrija mbaghad mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena (**Il-Pulizija v. David Vella**[3]). Din il-Qorti di piu trid tara ukoll li s-sentenza tinghata fil-formola preskritta mill-ligi u appuntu dik imsemmija fl-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti tibda qabel xejn sabiex tirrileva *ex ufficio* n-nullita tas-sentenza appellata ai termini tal-Artikou 382 tal-Kodiċi Kriminali u dan ghaliex l-ewwel Qorti naqset li ticcita fis-sentenza taghha l-artikoli tal-ligi li jirriflettu r-reati li taghhom l-appellant qed jinstab hati taghhom. L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jipprovdi hekk:

> *382. Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u **ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat**.(enfasi ta din l-Onorabbli Qorti)*

Dak li trid il-ligi hu semplicement li jkun indikat l-artikolu li dwaru tkun instabet htija, altrimenti jkun hemm nullita' (**Pulizija vs Trevor Farrugia**[4] ) - mhux l-artikolu li jistabilixxi l-piena, jew l-artikolu li jaghmel r-reat aggravat (basta li jkun indikat l-artikolu tar-reat principali) (**Pulizija vs Michael Zarb**[5] , jew li possibilment izzid il-

---

[2] Deciza mill-Qorti tal-appelli Kriminali nhar is-17 ta' Novembru 2020 "Il-Pulizija vs Sean Farrugia"
[3] Deciza mill-Qorti tal-appelli Kriminali nhar it-2 ta' Dicembru 2005
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-29 ta' Jannar 1996
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Mejju 2014

piena, jew artikolu konsegwenzjali għall-piena bħal dak dwar skwalifika ta' licenzja, izda biss u semplicement dak li jagħmel il-fatt imputabbli.

Il-ġurisprudenza li tirrigwarda l-elementi - meqjusa *ad validitatem* - li sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati għandu jkollha tinkludi **Il-Pulizija vs. Joseph Muscat**[6], **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield**[7], **Il-Pulizija vs. Nutar Peter sive Pierre Falzon**[8], **Il-Pulizija vs. Carmel Attard**[9], **Il-Pulizija vs. Robert Farrugia**[10],14 **Il-Pulizija vs. Philip Zahra**[11],15 **Il-Pulizija vs. Francis Mallia**[12],16 **Il-Pulizija vs. Anthony Zahra**[13], **Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia**,[14] fost l-oħrajn, mnejn jirriżulta li dawn l-elementi imsemmija fl-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali qegħdin hemm biex jiġu osservati skrupolożament. L-interess ġuridiku tutelat b'din id-disposizzjoni u l-interpretazzjoni mogħtija lilha mill-ġurisprudenza iddur madwar il-fatt li n-nuqqas t'osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti jista' joħloq inċertezza fil-moħħ tal-imputat għal dak li jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tiegħu. Fi kliem ieħor, minn qari tal-parti operativa tas-sentenza, l-imputat irid ikun f'pożizzjoni illi jifhem b'mod ċar il-bażi legali tal-ħtija tiegħu u l-fatti li fuqhom il-Qorti tkun hekk qiegħda ssibu ħati. Il-ġurisprudenza ma tippermettix wisq impreċiżjonijiet li jolqtu s-sustanza ta' dan l-interess ġuridiku tutelat.

L-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali huwa ċar fil-lokuzzjoni tiegħu li tistabbilixxi r-rekwiżiti ta' sentenza valida. Wieħed minn dawn ir-rekwiżiti huwa li sentenza jrid ikun fiha referenza għall-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat. Dan ifisser li sentenza tkun nulla jekk ma tkunx issemmi d-dispożizzjonijiet tal-Liġi li tikkontempla r-reat. Dwar dan il-punt il-ġurisprudenza hija wkoll varja minħabba l-isfumaturi li tali

[6] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Gunju 1994)
[7] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' April 2006)
[8] Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Jannar 2019
[9] Qorti tal-Appell Kriminali nahr is-6 ta' Gunju 2007
[10] Qorti tal-Appell Kriminali id-10 ta' Novembru 2015
[11] Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-28 ta' Settembru 2017
[12] Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Frar 1965
[13] Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Mejju 1994
[14] Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-28 ta' Mejju 1987

nuqqas jew impreċizjoni jista' jassumi. Iżda s-sustanza ta' din id-disposizzjoni tibqa' ċara – in-nullita titnissel fil-każ li l-Qorti tonqos li ssemmi l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat.

F'dan il-kaz din il-Qorti ezaminat l-atti u ma jidhirx li l-ewwel Qorti ccitat l-artikoli fl-ebda parti tas-sentenza taghha u ghalhekk din is-sentenza hija nulla.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi thassar u tannulla s-sentenza appellata ghar-ragunijiet imqajma ex ufficcio w konsegwentement, sabiex ma tipprivax lill-partijiet, partikolarment lill-appellant mill-beneficcju tad-doppio esame, qed tibghat il-process lura lill-Ewwel Qorti biex il-kaz jerga' jigi deciz mill-gdid skond il-ligi anki fid-dawl tal-principji ta' dritt fuq enuncjati.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur